

# Attività Impenjattiva



*John Schembri*
**Direttur**

Għaddiet sena oħra u bħal kull sena qiegħed nikteb kelmtejn fuq dan il-ktejjeb. Minn messaġġ għall-ieħor fil-każin tagħna tkun saret ħidma kontinwa li tkun ħalliet il-frott tagħha, u dan dejjem isir biex l-għaqda tagħna dejjem timxi ’l quddiem.

Bħal kull għaqda oħra, il-każin tagħna jirrekjedi diversi xogħlijiet li jkunu meħtieġa li jsiru għal xi proġetti li jkollna matul is-sena. Bħal kull sena oħra, l-attivitajiet fil-każin ma jonqsux u dawn iġibu magħhom xogħol li fil-ħin liberu ta’ ħafna nies jitlesta fi żmien qasir. Min hawn nixtieq nirrringrazzja lil dawk kollha li jagħtu sehemhom b’mod volontarju għax mingħajr l-għajnuna tagħhom il-każin ma jimxix ’il quddiem.

Fost dawn l-attivitajiet din is-sena, għall-ewwel darba, il-grupp taż-żgħażagħ tal-għaqda organizza wirja ta’ Arti u Artiġġjanat. Il-kumitat direttiv għen bis-sħiħ lil dawn iż-żgħażagħ biex din il-wirja kienet suċċess. Minn hawnhekk ngħid prosit lil dawn iż-żgħażagħ li taw sehemhom u nheġġiġhom biex jgħinu aktar l-għaqda għaliex huma l-futur tagħha.

Barra din l-attività impenjattiva, kellna oħrajn li jkollna ta’ kull sena bħalma huma t-tombla tas-sibt, il-*coffee morning* u anke xi festini. Dan kollu jfisser ħidma kontinwa u ħinijiet twal ta’ xogħol minn membri tal-għaqda tagħna.

Nagħlaq dan il-messaġġ billi nirringrazzja lil sħabi tal-kumitat, bandisti u membri li dejjem sibna l-għajnuna tagħhom. Nixtieq nawgura l-festa t-tajba lill-Melleħin kollha, lil dawk li jiġu jgawdu l-festa magħna u lil dawk il-morda u l-emigranti ħutna li ma jistgħux ikunu magħna fil-ġranet tal-festa.

Nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd.

SALA IMPERIAL
(mgħammra b’arja kundizzjonata)
Ideali għal riċevimenti tal-Magħmudijiet, tal-Praċett, tal-Griżma, tal-*Engagements* u għal kull attività soċjali oħra.
***Għal aktar informazzjoni avviċinaw lill-membri tal-Kumitat, jew ċemplu fuq in-numri tat-telefown:***
***21 523467 u 21 520536***